## Ġurisdizzjoni - Ungerija

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna hu ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

LISTA TAL- KONTENUT


- 1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?
- 2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?
  - 2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?
  - 2.2 Ġuriżdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)
    - 2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġuriżdizzjoni territorjali
    - 2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika
      - 2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?
      - 2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?
      - 2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?
- 3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?


### 1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Skont l-Att dwar l-Organizzazzjoni u l-Amministrazzjoni tal-Qrati, hemm jopera tip wieħed biss ta' qrati speċjalizzati fl-Ungerija: il-qorti amministrattiva u tax-xogħol li tittratta l-każijiet tax-xogħol u amministrattivi. Kawżi oħra barra l-kawżi tax-xogħol u amministrattivi huma fil-kompetenza tal-qrati ordinarji. Anki jekk qorti speċjalizzata tipproċedi fil-każ, l-appelli ma jinstemgħux mill-qorti speċjalizzata iżda minn qorti ordinarja, jiġifieri l-qorti reġjonali (*törvényszék*) li għandha ġuriżdizzjoni fuq is-sede fejn il-qorti amministrattiva u tax-xogħol hija lokalizzata.

Kawżi li jaqgħu fil-kompetenza ta' qrati amministrattivi u tax-xogħol jinkludu proċedimenti mressqa għar-rieżami ta' deċiżjonijiet amministrattivi u fi kwistjonijiet ta' impjieg u relazzjonijiet ġuridiċi simili. Id-deċiżjonijiet amministrattivi involuti f'dawn il-proċedimenti jistgħu jkunu: deċiżjonijiet meħuda f'każijiet uffiċjali minn awtorità jew kap ta' awtorità speċifikati fl-Att dwar ir-Regoli Ġenerali ta' Proċedimenti Amministrattivi; l-ordnijiet ta' eżekuzzjoni maħruġa bħala riżultat ta' ksur tal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratti uffiċjali; Deċiżjonijiet statutorji tal-gvernijiet lokali, u deċiżjonijiet ta' korpi, organizzazzjonijiet jew persuni oħra li, skont id-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni separata, jistgħu jiġu rieżaminati skont ir-regoli għas-smigħ ta' kawżi amministrattivi.

Proċedimenti mressqa fi kwistjonijiet ta' impjieg u relazzjonijiet ġuridiċi simili jinkludu proċedimenti għall-infurzar ta' pretensjonijiet skont il-liġi tax-xogħol, jew li jirriżultaw minn impjieg bħala impjegat taċ-ċivil, servizz fil-gvern jew fis-settur pubbliku jew relazzjoni ta' membri ta' kooperattivi li jinvolvu obbligi ta' servizz u ta' impjieg. Pretensjonijiet skont il-liġi li tirregola r-relazzjoni bejn l-impjegati

u min iħaddem u direttament relatati mal-impjieg jistgħu jiġu infurzati wkoll fi proċedimenti tax-xogħol. Il-ġuriżdizzjoni ta' qrati amministrattivi u tax-xogħol testendi għal deċiżjonijiet amministrattivi meħuda fil-kuntest tal-ispezzjonijiet tax-xogħol u spezzjonijiet ta' sikurezza okkupazzjonali, deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment, il-parteċipazzjoni, u setgħat eżerċitati fil-Kumitat Settorjali għad-Djalogu Soċjali, deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-ispettorat nazzjonali tax-xogħol skont l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi u l-Benefiċċji tal-Qgħad, kif ukoll ir-rieżami mill-qorti tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali. F'dawn il-kwistjonijiet, il-qrati amministrattivi u tax-xogħol jipproċedu skont ir-regoli għas-smigħ ta' kawżi amministrattivi.

## 2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f' liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

### 2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Skont l-Att dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-qrati, is-sentenzi tal-ewwel istanza jingħataw mill-qrati distrettwali (*járásbíróság*) u l-qrati reġjonali. L-azzjonijiet ġuridiċi kollha mhux riferuti lil qrati reġjonali mil-leġiżlazzjoni huma fil-ġuriżdizzjoni tal-qrati distrettwali. Il-ġuriżdizzjoni tal-qrati reġjonali tkopri dan li ġej:

(a) azzjonijiet ġuridiċi relatati mad-drittijiet tal-proprjetà fejn il-valur tal-proprjetà jeċċedi t-HUF 30 miljun, ħlief għal azzjonijiet miġjuba għal drittijiet fi proprjetà li jirriżultaw mir-relazzjoni matrimonjali jekk jinbdew ma', jew matul, proċedimenti mressqa fi kwistjonijiet matrimonjali;

(b) azzjonijiet ġuridiċi mibdija biex jinkiseb kumpens għal dannu kkawżat minn persuni li jaġixxu fil-kapaċità uffiċjali tagħhom fl-amministrazzjoni pubblika;

(c) tilwimiet dwar drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, inklużi azzjonijiet biex jiġu infurzati drittijiet u pretensjonijiet ta' spejjeż li huma f'ġestjoni ġuridika konġunta, kif ukoll azzjonijiet ġuridiċi li jikkonċernaw il-proprjetà industrijali, u każijiet li jikkonċernaw id-drittijiet stipulati mit-Taqsima 86 (3)-(4) tal-Kodiċi Ċivili;

(d) azzjonijiet ġuridiċi rigward it-trasport internazzjonali ta' oġġetti jew kuntratti ta' trasport;

(e) ċerti azzjonijiet ġuridiċi li jikkonċernaw kumpaniji;

(f) ċerti azzjonijiet ġuridiċi dwar organizzazzjonijiet li ma jikkwalifikawx bħala kumpaniji u li huma rreġistrati mill-qorti reġjonali;

(g) azzjonijiet ġuridiċi meħuda sabiex jiġu infurzati pretensjonijiet dwar drittijiet ċivili minħabba l-ksur tad-drittijiet individwali, inklużi l-azzjonijiet ġuridiċi għall-kumpens għal dan il-ksur jekk jinbdew ma', jew matul, dawn l-azzjonijiet ġuridiċi;

(h) azzjonijiet ġuridiċi li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet ġuridiċi li joħorġu minn titoli;

(j) azzjonijiet ġuridiċi għal rettifiki mill-istampa.

Il-qrati reġjonali ma jipproċedux biss fl-ewwel istanza iżda wkoll jagħtu sentenzi fit-tieni istanza rigward l-appelli kontra sentenzi ta' qrati distrettwali u l-qrati amministrattivi u tax-xogħol.

Fil-każijiet stipulati mil-leġiżlazzjoni, il-qrati reġjonali tal-appell (*ítélőtábla*) jiddeċiedu dwar applikazzjonijiet għal rimedju ġuridiku kontra s-sentenza minn qrati distrettwali u qrati reġjonali, u jipproċedu f'każijiet oħra riferuti għall-ġuriżdizzjoni tagħhom. Il-Qorti Suprema tal-Ungerija hija l-*Curia* tal-Ungerija (*Kúria*). Il-*Curia* - fil-każijiet speċifikati mil-leġiżlazzjoni - tiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għal rimedju ġuridiku kontra s-sentenza minn qrati reġjonali u qrati reġjonali tal-appell u dwar applikazzjonijiet għal rieżami ġudizzjarju, kif ukoll konflitti bejn d-digrieti tal-gvern lokali u leġiżlazzjoni oħra, u tirrevoka dawn id-digrieti. Barra minn hekk, il-*Curia* tistabbilixxi kull nuqqas tal-gvernijiet lokali biex jissodisfaw l-obbligi statutorji tagħhom u tipproċedi f'każijiet oħra li huma fil-ġuriżdizzjoni tagħha.

### 2.2 Ġuriżdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

#### 2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġuriżdizzjoni territorjali

F'termini ġenerali, il-qorti tal-post fejn ikun joqgħod il-konvenut għandha ġuriżdizzjoni fil-każijiet kollha fejn il-kompetenza esklużiva ta' qorti oħra ma tkunx stabbilita (ġuriżdizzjoni ġenerali). Jekk il-konvenut ma jkollux post ta' residenza fl-Ungerija, il-ġuriżdizzjoni tkun rregolata mill-post ta' residenza tal-konvenut. Jekk il-post ta' residenza tal-konvenut ma jkunx magħruf jew ikun barra mill-pajjiż, jiġi kkunsidrat l-aħħar post ta' residenza fl-Ungerija. Jekk dan ma jistax jiġi stabbilit jew jekk il-konvenut ma kienx residenti fl-Ungerija, il-ġuriżdizzjoni għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-post ta' residenza tal-pretendent jew, fin-nuqqas ta' dan, il-post dan ikun qed joqgħod. Jekk il-post tax-xogħol u l-post ta' residenza ma jinsabux fl-istess żona ġeografika, bit-talba tal-konvenut magħmula l-aktar tard fl-ewwel seduta ta' smigħ tal-kawża, il-qorti tirreferi l-kwistjoni lill-qorti li għandha ġuriżdizzjoni fuq iż-żona fejn ikun jinsab il-post tax-xogħol tal-konvenut sabiex twettaq is-seduta ta' smigħ u tagħti sentenza.

Jekk isiru rikorsi kontra persuna ġuridika, ġuriżdizzjoni ġenerali tista' tiġi ddeterminata abbażi tal-post fejn tkun tinsab is-sede tal-persuna ġuridika jew is-sede tal-korp intitolat li jirrappreżentaha. F'każ ta' dubju, il-post tan-negozju tal-persuna ġuridika jkun meqjus bħala s-sede tagħha. Jekk il-persuna ġuridika tkun f'Budapest iżda l-operazzjonijiet tagħha jestendu fit-territorju tal-kontea ta' Pest, il-qorti li għandha ġuriżdizzjoni fuq il-kontea ta' Pest tittratta l-każ. Jekk il-persuna ġuridika ma jkollhiex sede fl-Ungerija, il-ġuriżdizzjoni fir-rigward ta' proċeduri ġuridiċi mressqa minn persuna ġuridika Ungeriża tiġi stabbilita abbażi tas-sede tal-persuna ġuridika. Jekk min qed jagħmel it-talba jkun persuna fiżika ta' nazzjonalità Ungeriża, il-ġuriżdizzjoni għandha tiġi stabbilita jew fil-post ta' residenza tal-pretendent jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-post fejn ikun qed joqgħod.

F'azzjonijiet ġuridiċi kontra entitajiet mhux inkorporati, ir-regoli li jappartjenu għall-entitajiet ġuridiċi huma applikati, kif xieraq, fl-istabbiliment tal-ġuriżdizzjoni.

**2.2.2** Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

***2.2.2.1*** *Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?*

Fil-każijiet kollha fejn il-kompetenza esklużiva ta' qorti oħra ma tkunx stabbilita, il-pretendent jista', jekk jagħżel li jagħmel dan, u fuq l-issodisfar ta' ċerti prerekwiżiti stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura Ċivili, iressaq rikors quddiem qorti oħra speċifikata fir-Regoli ta' Proċedura Ċivili minflok il-qorti b'ġuriżdizzjoni ġenerali fir-rigward tal-konvenut.

Pereżempju, f'azzjonijiet ġuridiċi li jirrigwardaw proprjetà, il-qorti tal-post fejn il-konvenut ikun qed joqgħod għal perjodu prevedibbilment twil (pereżempju bħala impjegat jew student) hija wkoll kompetenti. Fil-każ ta' membri mhux professjonali tal-Forza tad-Difiża Ungeriża u forzi armati oħrajn, il-post permanenti tax-xogħol tagħhom jiddetermina l-qorti li għandha kompetenza. Il-ġuriżdizzjoni ma tistax tiġi stabbilita fuq din il-bażi fil-każ ta' konvenuti li ma għandhomx il-kapaċità li jaġixxu f'kawża.

Kontra konvenut li ma jkollu la post ta' residenza u lanqas post ta' soġġorn fl-Ungerija, azzjoni ġuridika relatata mal-proprjetà tista' tinbeda wkoll minn qorti li jkollha ġuriżdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab il-proprjetà soġġetta għall-azzjoni legali jew fejn tkun tinsab il-proprjetà imdaqqsa tal-konvenut. Jekk il-proprjetà inkwistjoni tikkonsisti fi pretensjoni, tista' titressaq azzjoni fiż-żona fejn jinsab il-post ta' residenza tal-konvenut jew, jekk il-pretensjoni hi relatata ma' oġġett, l-azzjoni tista' titressaq ukoll fil-post fejn ikun jinsab l-oġġett.

Azzjoni ġuridika sabiex jinkisbu allowances ta' manteniment u benefiċċji perjodiċi simili tista' wkoll titressaq quddiem il-qorti li għandha ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn ikun joqgħod l-attur.

Azzjoni ġuridika għall-kustodja tat-tfal tista' wkoll titressaq lill-qorti li għandha ġuriżdizzjoni fuq il-post ta' residenza tal-minorenni.

Azzjoni ġuridika li tirrigwarda l-proprjetà jew il-pussess ta' proprjetà immobbli u drittijiet oħra fil-proprjetà immobbli jew relazzjoni ġuridika konnessa ma' proprjetà immobbli tista' wkoll tinbeda f'qorti li għandha ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli.

Azzjonijiet ġuridiċi għal talbiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tan-negozju fil-qasam tal-attivitajiet tagħhom jistgħu wkoll jitressqu lill-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn kienet konkluża t-tranżazzjoni jew fil-post fejn twettqet.

Tista' tinġieb azzjoni ġuridika għad-danni fil-qorti b'kompetenza bbażata fuq il-post jew iż-żona fejn seħħ id-dannu.

Azzjoni ġuridika li tirrigwarda kambjala tista' titressaq quddiem il-qorti li għandha ġuriżdizzjoni fuq il-post tal-ħlas.

Tista' titressaq azzjoni konġunta kontra l-obbligant sekondarju u l-obbligant jew debitur prinċipali wkoll fil-qorti li tkun kompetenti biex tipproċedi f'kull azzjoni kontra d-debitur fuq kull bażi li tistabbilixxi ġuriżdizzjoni. Jekk persuna tressaq pretensjoni għas-suġġett jew għal parti mis-suġġett ta' proċedimenti pendenti bejn żewġ partijiet oħra, il-qorti b'kompetenza f'dawn il-proċedimenti tkun kompetenti biex tipproċedi fir-rigward ta' kull proċediment li tali persuna tista' tressaq kontra l-partijiet għall-proċedimenti li jkunu għaddejjin sabiex tinforza l-pretensjoni tagħha.

***2.2.2.2*** *Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?*

Meta l-leġiżlazzjoni tistipula li qorti speċifika jkollha kompetenza esklużiva f'dan il-każ. Din id-dispożizzjoni tapplika pereżempju fil-każijiet ta' hawn taħt.

Fil-każ ta' azzjonijiet miġjuba għar-rieżami ta' deċiżjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw id-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Ungerija, il-ġuriżdizzjoni hija stabbilita fuq il-bażi tas-sede tal-korp amministrattiv li jipproċedi fl-ewwel istanza. Fil-każ fejn il-ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita fuq din il-bażi, il-Qorti Amministrattiva u tax-Xogħol ta' Budapest ikollha kompetenza esklużiva fil-każ.

Jekk il-korp amministrattiv li jipproċedi fl-ewwel istanza jkollu ġuriżdizzjoni madwar il-pajjiż - b'ċerti eċċezzjonijiet - il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Budapest jkollha kompetenza esklużiva.

Fil-każ ta' azzjonijiet miġjuba għat-terminazzjoni jew il-limitazzjoni tal-infurzar, il-qorti li qed tordna l-infurzar ikollha kompetenza esklużiva. Jekk l-eżekuzzjoni tkun ġiet ordnata minn qorti reġjonali, qorti amministrattiva u tax-xogħol jew nutar tad-dritt ċivili, il-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni fuq il-post ta' residenza tad-debitur ikollha kompetenza esklużiva.

Proċeduri mibdija għar-rilaxx ta' proprjetà f'eżekuzzjoni huma fil-kompetenza esklużiva tal-qorti distrettwali li jkollha ġuriżdizzjoni fuq iż-żona fejn il-proprjetà ġiet ikkonfiskata.

***2.2.2.3** Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?*

F'każijiet relatati ma' proprjetà, il-partijiet jistgħu jattribwixxu ġuriżdizzjoni lil qorti partikolari sabiex isolvu t-tilwima attwali tagħhom jew kull tilwima li tista' tirriżulta minn relazzjoni ġuridika partikolari, sakemm il-liġi ma tistipulax mod ieħor. Il-partijiet jistgħu jressqu quddiem din il-ġuriżdizzjoni bil-miktub, b'mod orali, b'konferma bil-miktub, f'forma konformi mal-prattiki tan-negozju żviluppati bejn il-partijiet, jew bejn partijiet involuti f'kummerċ internazzjonali, f'forma li tirrispetta l-prattiki kummerċjali li huma magħrufa jew għandhom ikunu magħrufa mill-partijiet u li huma ġeneralment magħrufa u li regolarment jintużaw fil-qasam partikolari mill-partijiet li jidħlu f'kuntratt li jkun fih din id-dispożizzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni. Il-ġuriżdizzjoni ma tistax tiġi attribwita mill-partijiet f'każijiet fejn il-kompetenza esklużiva ta' qorti partikolari tkun stabbilità mil-leġiżlazzjoni. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-leġiżlazzjoni jew miftiehem mill-partijiet, il-qorti magħżula jkollha kompetenza esklużiva. Id-dispożizzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni tapplika wkoll għas-suċċessuri ġuridiċi. Jekk il-ġuriżdizzjoni tiġi attribwita bħala parti mit-termini ġenerali tal-kuntratt, b'talba tal-konvenut magħmula l-aktar tard fl-ewwel seduta ta' smigħ tal-każ, il-qorti li lilha ġiet attribwita l-ġuriżdizzjoni tirreferi l-kwistjoni lill-qorti li għandha ġuriżdizzjoni bbażata fuq ir-regoli bażiċi tal-leġiżlazzjoni sabiex tmexxi s-seduta ta' smigħ u tagħti sentenza.

F'każijiet relatati ma' proprjetà, il-partijiet ma jistgħux jattribwixxu ġuriżdizzjoni lill-Qorti Reġjonali Budapest-Kapitali u lill-Qorti Reġjonali tal-Madwar ta' Budapest fi kwistjonijiet li huma fil-kompetenza ta' qrati reġjonali, u lill-Qorti tad-Distrett Ċentrali Pest fl-oqsma li huma fil-kompetenza tal-qrati distrettwali sabiex isolvu t-tilwima attwali tagħhom jew kull tilwim futur li jista' jirriżulta minn relazzjoni ġuridika partikolari.

**3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?**

Il-qrati amministrattivi u tax-xogħol huma l-uniċi qrati speċjalizzati li joperaw fl-Ungerija. Proċeduri tax-xogħol, pereżempju, kompetenza esklużiva hija f'idejn il-qorti amministrattiva u tax-xogħol li jkollha ġuriżdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab is-sede ta' min iħaddem jew fejn tkun tinsab il-fergħa ta' min iħaddem li fiha l-impjegat iwettaq, jew ikun wettaq xogħol taħt il-kuntratt ta' impjieg tiegħu.

Fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi, sakemm il-kompetenza esklużiva ta' qrati oħra ma tkunx ġiet stabbilita jew sakemm dispożizzjonijiet oħra ma jkunux stabbiliti bil-liġi, il-ġuriżdizzjoni hija stabbilita fuq il-bażi tas-sede tal-korp amministrattiv li jipproċedi fl-ewwel istanza. Jekk il-ġuriżdizzjoni tal-korp amministrattiv li jipproċedi fl-ewwel istanza testendi għal diversi pajjiżi (fosthom il-belt kapitali), il-ġuriżdizzjoni tiġi stabbilita - b'ċerti eċċezzjonijiet - abbażi tal-post ta' residenza tal-pretendent fl-Ungerija jew, fin-nuqqas ta' dan, il-post ta' residenza tiegħu jew tagħha, filwaqt li fil-każ ta' persuni ġuridiċi u entitajiet mhux inkorporati l-qorti kompetenti hija l-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni fiż-żona fejn tkun tinsab is-sede Ungeriża tal-organizzazzjoni. Jekk id-deċiżjoni amministrattiva li għaliha jkun mitlub rieżami tkun tikkonċerna dritt jew obbligu, jew relazzjoni li tirrigwarda l-proprjetà immobbli, l-azzjoni għandha titressaq quddiem il-qorti li għandha ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli. Jekk id-deċiżjoni amministrattiva li għandha tiġi rieżaminata tkun soġġetta għal notifika jew permess, jew tkun tikkonċerna attività relatata ma' tali notifika jew permess, il-qorti kompetenti tkun il-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn l-attività titwettaq jew tiġi segwita. Jekk il-korp amministrattiv li jipproċedi fl-ewwel istanza jkollu ġuriżdizzjoni madwar il-pajjiż - b'ċerti eċċezzjonijiet - il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Budapest jkollha kompetenza esklużiva.

---

**Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.**

L-aħħar aġġornament: 10/11/2015